**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 655/2016 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Huberti A. Cini)**
**vs**
**Graziella Borg**

**Illum 14 ta' Settembru, 2017**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Graziella Borg, 29 sena, bint Vincent u Lilian xebba Pace, imwielda tal-Pieta' nhar is-17 ta' Dicembru, 1987, residenti 52, Triq Vittorio Cassar, Birkirkara, numru tal-karta tal-identita' 560887M.

Akkuzata talli:

1. Nhar it-18 t'Awwissu, 2016, fid-19 t'Awwissu, 2016 u fil-jiem, fix-xhur u fis-snin ta' qabel, fil-hanut Convenience Shop li jinsab gewwa Wesghat il-Vittmi tal-Gwerra, Hal-Luqa, fil-Gzejjer Maltin, b'diversi atti maghmulin minnha, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u li jkunu gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, serqet aktar minn €230 ghad-detriment ta' Crust Limited sidien ta' The Convenience Shop liema serq huwa

aggravat bil-valur, mezz u bix-xorta tal-haga misruqa, u dan bi ksur tal-Artikoli 18, 261, 263(a), 267, 268(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi approprjat ruhha minn flus, billi dawret bi profitt ghaliha jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor u cioe' ta' Crust Limited sidien ta' The Convenience Shop li tkun giet fdata jew ikkunsinnata lilha taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u dan bi ksur tal-Artikoli 293 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi ghamlet delitt fuq haga fdata jew ikkunsinnata lilha minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz taghha, jew minhabba depozitu necessarju, u dan bi ksur tal-Artikolu 294 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh bi hsara ta' Crust Limited sidien ta' The Convenience Shop u dan bi ksur tal-Artikolu 308 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi, bi hsara ta' haddiehor, ghamlet xi gligh iehor b'qerq, mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titilu, u dan bi ksur tal-Artikolu 309, 310(1)(c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputata fis-seduta datata 14 ta' Settembru, 2017.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', estratt mill-att tac-certifikat tat-twelid ta' l-imputata, il-fedina penali aggornata ta' l-imputata, stqarrija rilaxxata

mill-imputata, dikjarazzjoni ta' rifjut tal-jedd ghal parir legali, kwerela datata 1 ta' Novembru, 2016, applikazzjoni mmarkata bhala Dok A.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputata ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghha u kif registrata quddiem din il-Qorti kif preseduta.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputata b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghha u tatha zmien xieraq biex jekk trid, tista' terga' lura minnha u fil-fatt hija regghet tenniet l-istess ammissjoni taghha.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta' l-imputata stess, il-Qorti ssib lill-imputata hatja ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront taghha.

Illi semghet it-trattazzjoni tal-ufficcjal prosekutur fejn iddikkjara li it-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba' (4) u l-hames (5) akkuzi nghataw alternattivament ghall-ewwel (1) akkuza.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputata , il-fedina penali netta ta' l-imputata, u l-fatt li l-partijiet iddikjaraw li m'ghandhomx pendenzi civili bejniethom.

**Decide:**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 18, 261, 263(a), 267, 268(d), 293, 294, 308, 309, 310(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda ssib lill-imputata hatja ta' l-ewwel (1) akkuza migjuba kontra taghha u dan peress li t-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba' (4) u l-hames (5) akkuzi nghataw alternattivament ghall-ewwel (1) akkuza u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 22**

**tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda tillibera lill-imputata b'dan li ma taghmel l-ebda reat iehor fi zmien sentejn (2) mil-lum.**

**Ai termini ta' l-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li din is-sentenza flimkien ma' l-atti tal-proceduri jigu mghoddija lill-Avukat Generali ai termini tal-Ligi.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**